

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "EXAKT", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 9 u 37 — Trade mark Komunitarja Nru 3 996 592

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Exakt Precision Tools Ltd

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "EXAKT", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 8 u 9

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2013 — Roy vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni**

(Kawża T-41/13)

(2013/C 86/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: René Roy (Juillac-le-Coq, Franza) (rappreżentant: C.-E. Gudin, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tikkumpensa b'mod sħiħ għad-dannu b'hekk subit permezz ta' sanzjonijiet pekunjarji, jiġifieri s-somma ta' EUR 87 400;
- tikkumpensa b'mod sħiħ għad-dannu morali subit, jiġifieri s-somma ta' EUR 100 000;
- tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawżi T-195/11, Cahier et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni <sup>(1)</sup>, u T-458/11, Riche vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni <sup>(2)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU 2011, C 173, p. 14.

<sup>(2)</sup> ĠU 2011, C 298, p. 28.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2013 — Sabores de Navarra vs UASI — Frutas Solano (KIT, EL SABOR DE NAVARRA)**

(Kawża T-46/13)

(2013/C 86/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Sabores de Navarra, AIE (Pamplona, Spanja) (rappreżentanti: J. Calderón Chavero u O. González Fernández, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Frutas Solano, SA (Cala-horra, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-7 ta' Novembru 2012, fil-Każijiet R 2542/2011-2 u R 2550/2011-2;
- konsegwentement, tapplika d-deċiżjoni tal-11 ta' Ottubru 2011, mogħtija mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-UASI, fil-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità Nru 4633 C; din id-deċiżjoni tiddikjara l-invalidità parzjali tat-trade mark Komunitarja Nru 5042346 "KIT, EL SABOR DE NAVARRA" (verbali) fil-klassi 29 għal: "Frott u ħaxix ippreservat, imnixxef u msajjar; ġèli, ġammijiet, frott ippreservat jew misjur fix-xropp; li kollha joriġinaw minn Navarra" u fil-klassi 30 għal: "ikel tal-għaġina u ħlewwiet, għasel, għasel iswed; zlazy (kondimenti); ħwawar";
- tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li jordnaw lid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni korrispondenti tal-UASI tiddikjara mill-ġdid bħala invalidi l-prodotti indikati fil-punt preċedenti;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark verbali "KIT, EL SABOR DE NAVARRA" għal prodotti fil-klassijiet 29, 30 u 33 — Trade mark Komunitarja rreġistrata Nru 5 042 346

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Frutas Solano, SA

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: it-trade mark figurattiva bl-element verbali "Sabores de Navarra La Sabiduría del Sabor" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 30, 33, 39 u 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba milqugħa parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell ta' Frutas Solano, SA milqugħ parzjalment u deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni annullata parzjalment, appell tar-rikorrenti miċħud

Motivi invokati:

— ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mal-Artikolu 53(1)(a) tal-istess regolament;

— ksur tal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2013 — Goldsteig Käsereien Bayerwald vs UASI — Vieweg (goldstück)**

(Kawża T-47/13)

(2013/C 86/41)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Goldsteig Käsereien Bayerwald GmbH (Cham, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Biagosch, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Christin Vieweg (Sonneberg, il-Ġermanja)

#### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-14 ta' Novembru 2012 fil-Każ R 2589/2011-1;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tiegħu u għal dawk tar-rikorrenti.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Christin Vieweg

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "goldstück" għall-prodotti fil-klassijiet 29 u 30 — applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 9 153 677

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali "GOLDSTEIG" għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 29 u 43

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-diviżjoni tal-oppożizzjoni annullata u oppożizzjoni tar-rikorrenti miċħuda

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ipprezentat fit-30 ta' Jannar 2013 — Out of the blue vs UASI Mombauer (REFLEXX)**

(Kawża T-48/13)

(2013/C 86/42)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Out of the blue KG (Lilienthal, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Hasselblatt u I. George, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Meinhard Mombauer (Köln, il-Ġermanja)

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinni), tad-19 ta' Novembru 2012, fil-Każ R 1656/2011-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tiegħu u kif ukoll għall-ispejjeż tar-rikorrenti;

— fil-każ li Meinhard Mombauer jintervjeni fil-kawża, tikkundanna lill-intervenjent għall-ispejjeż tiegħu.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "REFLEXX" għal prodotti fil-klassi 9 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7 239 511